MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 314/2008/1

A B : ID numru 0094980(M) f'ismu proprju u fl-interessi supremi ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintu M, N, A li twieldet fis-siegha u kwart ta' wara nofsinhar ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Awissu, 2006, ta' kwazi sentejn

vs

A V C : ID numru 0362583 (M) mart ir-rikorrenti B A ID numru 0094980 (M)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi b'Digriet numru : 1116/08 – JA, datat l-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2008, fl-ismijiet : 'B A vs C A', fl-Atti tal-ittra tal-Medjazzjoni Numru : 6/08 – EC, wara li r-Rikorrenti odjern kien ipprezenta l-Ittra tieghu nhar is-7 ta' Jannar, 2008, il-

Medjatur Erika Cutugno permezz ta' Nota datata l-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2008 gharrfet lil din il-wisq Onorabbli Qorti li l-Medjazzjoni ma sehhitx. Illi ghaldaqstant din il-wisq Onorabbli Qorti ddikjarat 'li l-Medjazzjoni hija maghluqa u tawtorizza lil B A jipprocedi b'kawza ghas-Separazzjoni Personali u dan fit-termini mposti mill-Ligi' : ara Dokument hawn mehmuz A 1 ;

2. Illi kif jirrizulta mill-Atti Processwali, kellhom jghaddu sitt xhur bejn id-Data li fiha beda l-proceduri tal-Medjazzjoni r-Rikorrenti B A fil-konfront tal-mara krudili, irresponsabbli u mmatura tieghu C A li minbarra li qabdet u tefghet 'il barra mid-Dar Konjugali f'Had-Dingli li hija proprjeta' tal-genituri taghha u wara li miet missierha u kienet diga ghamlet zmien tikkoabita mal-istess Rikorrenti, sussegwentement ma bdietx thallih jara lill-ghaziza bintu M li fil-25 ta' Awissu tas-sena kurrenti taghlaq sentejn u kien ghamel zmien ir-Rikorrenti ma jithalliex jara lill-ghaziza bintu minn martu kiefra u irresponsabblil li kkonstringiet lir-Rikorrenti B A jinizzja l-proceduri tal-Medjazzjoni fejn anka sussegwentement biddel lill-Avukat li kellu meta beda jara illi l-arroganza tal-mara tieghu C A li diga' ghamlitha cara li tixtieq tirriverti malajr kemm jista jkun ghal kuljom xbubita V, fejn umbaghad ir-Rikorrenti ghamilha cara quddiem il-Medjatur Erika Cutugno li z-zmien li l-Intimata / Konvenuta tibqa tiddetta lir-ragel taghha qisu dana kien xi bicca tal-art spicca u li hu ossija r-Rikorrenti bhala l-Missier tal-Minuri ried illi skond il-Ligi u skond il-haqq u l-gustizzja, u skond id-Drittijiet Fundamentali tal-Minuri huwa jkollu l-isess accessibilita' u l-istess drittijiet fir-rigward tal-ghaziza bintu daqs kemm kienet qeghda tippretendi li jkollha l-mara tieghu ossija l-Intimata / Konvenuta C A ;

3. Illi ghalhekk il-Proceduri tal-Medjazzjoni damu kwazi sitt xhur sejrin fejn f'dawn is-sitt xhur il-partijiet kontendenti konjugi A qablu li tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom zgur ma kienx hemm, qablu li r-Rikorrenti B A ma kienx sejjer jirritorna fid-Dar Konjugali gewwa Had-Dingli imma jibqa jirresjedi almenu ghalissa fid-dar tal-genituri tieghu ftit 'il boghod gewwa r-Rabat – Malta, qablu kif sejrin jillikwidaw il-Kommunjoni tal-Akkwisti u effettivament fid-Dar Konjugali gewwa Had-Dingli ftit li xejn baqa' mobbli u / jew mobilja appartenenti lir-

Rikorrenti / Attur, qablu li l-Intimata / Konvenuta tibqa' hi tirresjedi fid-Dar Konjugali stante li hija proprjeta' tal-familja taghha u missierha huwa mejjet f'kull kaz, qablu li l-Intimata / Konvenuta ghandha tiehu l-vettura b'erba' roti li kien hemm fil-Kommunjoni tal-Akkwisti u li r-Rikorrenti / Attur izomm zewg muturi peress li huwa dilettant taghhom u allura bl-ghajnuna ta' Alla l-partijiet kontendenti konjugi qablu fuq kollox imma harget il-krudelta', l-irresponsabilita', l-immaturita', l-egoizmu u l-arroganza tal-Intimata / Konvenuta meta din irrifjutat li taqbel dwar dak li m'ghandhiex dritt li ma taqbilx mieghu u cioe' li l-kura u kustodja tal-minuri M, N, Frances, A, u cioe' t-tifla tal-kontendenti li fil-25 ta' Awissu, 2008 ser taghlaq sentejn, l-Intimata / Konvenuta assolutament ma riedetx iddahhal f'rasha li missier M kellu dritt li jara x'inhuma l-interessi supremi tal-ghaziza bintu, jara lil bintu f'hinijiet ugwali daqs kemm taraha martu l-Intimata / Konvenuta, jehodha ghandu fir-residenza fejn joqghod u anka torqod ghandu minn zmien ghal zmien u sahansitra r-Rikorrenti kien ragel bizzejjed li jaccetta li dan l-arrangament ta' zjarat ugwali bejn ir-Rikorrenti u l-Intimata dwar binthom minuri jkunu ugwali u jkun hemm l-irqad fir-residenza tar-Rikorrenti minn mindu per ezempju t-tifla taghlaq l-eta' ta' tliet snin. Ghalxejn ippruvat il-Medjatur Erika Cutugno twassalhom ghal dan l-gharfien il-ghaliex l-Intimata / Konvenuta pprezentat Abbozz ta' Firda Legali konswenswali f'wahda mill-udjenzi tal-medjazzjoni proprju waqt li kienet ser tibda l-Udjenza mal-Medjatur Erika Cutugno u b'tustagni flagranti qalet lil zewgha biex jaghti daqqa t'ghajn dan l-Abbozz u jaqblu biex jaghmluh Kuntratt : Kien hawnhekk li Dr Emmy Bezzina ddikjara ghan-nom tal-klijent tieghu li l-affarijiet ma jsirux hekk, li huwa ried iffisser dan l-Abbozz lill-klijent tieghu, ried li jaqralu dan l-Abbozz u li jispjegahulu, u dan ried iz-zmien tieghu ghal liema reazzjoni l-Intimata / Konvenuta ssuppervjat ghax ippretendiet li kellha xi dritt li tigi fl-ahhar minuta qabel tibda l-udjenza ta' Medjazzjoni u li n-naha l-ohra taccetta dak li kienet ser tiddetta hi u nsiet li r-Rikorrenti kien wissiha li z-zmien tad-dittatorjat minn naha tal-Intimata ghan-naha tar-Rikorrenti kien issa ntemm. Kopja ta' din il-pastazata ta' Abbozz fejn lir-Rikorrenti tnehhewlu d-drittijiet kollha moghtija lilu bil-Ligi bhala Missier tal-

Minorenni M qeghda tigi hawn mehmuza bhala Dokument A 2 ;

4. Illi jekk wiehed jezamina s-sitt faccati tal-Abbozz ghall-bazi ta’ Separazzjoni Bonarja Konsenswali tal-Intimata / Konvenuta wiehed jara l-abbuz illi jsir fl-imhuh ta’ certu kreaturi li jipretendu li ghaliex il-Mulej ikun ghazilhom bhala l-kanal biex igibu t-tfal fid-dinja, dawn l-istess kreaturi jippretendu li ghandhom id-dritta li jiddettaw fuq l-irgiel li wara kollox ikunu fornewhom bil-materja prima ossija biz-zerriegha li meta ssib art fertili tipproduci l-frott taghha. Dawn huwa termini Bibblici. U naraw li l-Intimata / Konvenuta litteralment tiddeprevixxi lir-Rikorrenti zewgha minn kwalsiasi dritt fuq bintu u dan mhux biss sakemm din il-bint taghlaq tliet snin imma sakemm issir maggorenni bl-intiza cara li l-ideja tal-Intimata / Konvenuta hija li issa tintavola kawza ta’ Annullament quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku biex hemmhekk tipprova tottjeni l-Annullament skond il-Ligi Kanonika u tkun tista’ tghid illi tant ir-Rikorernti ma kellux interess u gharfien tar-responsabilita’ u l-obbligi tieghu bhala Missier li sahansitra anke l-Abbozz li pprezentat hi huwa r-Rikorrenti kien iffirma : dan kollu naturalment ir-Rikorrenti fehmu u fehem ukoll it-tifsira tat-terminologija Bibblika li ma riedx ihalli s-serp jifgah jew jishaqlu rasu jew jivvalenah u allura l-istess Rikorrenti ddetta struzzjonijiet ferm differenti imma mija fil-mija gusti lill-Konsulent Legali tieghu li waslu biex sar il-Kontro-Abbozz liema Kontro-Abbozz qieghed jigi ukoll mehmuz bhala Dokument A 3, Abbozz li fih tlieta u ghoxrin faccata imma mhux definittivament maghluq u li l-enfasi principali u ewlenija tieghu kienet l-interessi supremi tal-bint minuri M li fil-25 ta’ Awissu tas-sena kurrenti tkun ghadha ser taghlaq biss bl-ghajnuna ta’ Alla sentejn, u allura ta’ Vizjonarju Profetiku li huwa, ir-Rikorrenti qasam il-fazijiet tad-diversi etajiet ta’ zvilupp tac-ckejkna mahbuba tieghu, ossija l-ghaziza bintu li tant ihobb, f’fazijiet differenti b’mod illi aktar ma tikber u ssir konxja ta’ kuncetti logici bintu, huwa naturalment ikun aktar jista’ jaqsam u jgawdi maghha hin prezzjuz li ma jigi qatt kif jifhmu kull genitur li gabu u kellhom it-tfal fid-dinja : ara l-anness Dokument A 3 ;

5. Illi ir-rizultat ta’ dan kien li l-Intimata / Konvenuta C A : ID number 362583(M) ma riedetx taf ghax rat li

zewgha fl-ahhar kien qieghed jieqaf ghall-abbozz, ghall-arroganza, ghall-irresponsabilita’, ghall-immaturita’, ghall-kefrija u il-krudelta tal-istess martu mhux biss fil-konfront tieghu imma anka fil-konfront ta’ l-interessi supremi tal-istess bint minuri M. Illi huwa ghaldaqstant li r-Rikorrenti qed jitlob f’din il-kawza li jinhatar Kuratur Deputat huwa stess biex ikun jista jirrapprezenta l-interessi supremi tal-ghazija bintu, u jkun jista jipprezentha wkoll fl-Atti Gudizzjarji ta’ din il-kawza u Proceduri Legali direttament u / jew indirettament konnessi, apparti milli jinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-ghaziza bintu billi huwa evidenti li ommha l-Intimata / Konvenuta ma ghandhiex il-kredenzjali ta’ responsabilita’ u maturita’, li taghraf li t-tfal ghandhom bzonn il-missier daqs kemm ghandhom bzonn lill-omm, u li l-genituri anka jekk qeghdin fi stadju ta’ dizgwid matrimonjali bejniethom, ghandhom ikollhom ko-responsabilitajiet u ko-decizjonijiet bejniethom dwar dak kollu li jolqot l-interessi supremi tal-Minuri l-ghaziza binthom f’dan il-kaz u f’din il-kawza partikolari ;

6. Illi minhabba f’hekk, ir-Rikorrenti ma kellu ebda triq ohra ghajr illi kontra qalbu, malli sar jaf bid-Digriet Numru : 1116/08 fl-Atti tal-Ittra Numru : 6/08 – EC datat nhar l-Erbgha, 2 ta’ Lulju, 2008, huwa mill-ewwel ta struzzjonijiet lill-Konsulent Legali tieghu Dr Emmy D. Bezzina biex jintavola din il-Kawza odjerna permezz ta’ dan ir-Rikors Guramentat odjern ;

7. Illi l-konjugi kontendenti A kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-Parocca ta’ Santa Marija gewwa Had-Dingli nhar is-Sibt, 28 ta’ Awissu, 2004, wara li ghamlu xi zmien jikkoabitaw flimkien, fejn dak iz-zmien ir-Rikorrenti li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita 0094980(M) u l-Intimata / Konvenuta li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita 0362583(M) ossija C V kienu nghaqdu fiz-zwieg u dan skond ma jindika l-vera kopja tal-Att taz-Zwieg irregistrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta : MR No. 1458/2004, Numru Progressiv tar-Registrazzjoni 1485 tal-31 ta’ Awissu, 2004, u allura jigi li l-kontendenti partijiet konjugi A fit-28 ta’ Awissu tas-sena kurrenti ser ikunu ghalqu legalment erba’ snin mizzewgin u li diga’ minn dan iz-zmien ghamlu perjodu konsiderevoli mifruda de facto u li issa permezz ta’ dawn il-Proceduri Legali Kontenzjuzi, li r-Rikorrenti / Attur kien kostrett li jaghmel

minhabba t-tortijiet unici attribwibbli lill-Intimata / Konvenuta, sejrin iwasslu ghall-hall taz-zwieg (Divorzju) permezz ta’ Sentenza ta’ din il-wisq Onorabbli Qorti u li r-raguni ewlenija ghala qed issir din il-kawza kienet proprju l-interessi supremi tal-Minuri M, N, Frances, A : ara l-anness Dokument A 4 ;

8. Illi fis-siegha u kwart ta’ wara nofsinhar ta’ nhar il-Gimgha, 25 ta’ Awissu, 2006, fl-Isptar San Luqa gewwa l-Pieta’ twieldet it-tifla M, N, Frances li naturalment inghatat il-kunjom ta’ min kellu r-responsabilita’ li jgibha fid-dinja ossija A, liema tifla sejra taghlaq sentejn fil-25 ta’ Awissu tas-sena kurrenti u li meta twieldet missierha r-Rikorrenti kellu sitta u ghoxrin sena u l-mara tieghu l-Intimata / Konvenuta tliet snin izghar minnu, tlieta u ghoxrin sena u fejn missier ir-Rikorrenti kien u ghadu haj filwaqt li missier l-Intimata kien gia lahaq ghadda ghad-Dinja Spiritwali. Illi dan kollu huwa evidenti mill-vera kopja tal-Att tat-Twelid registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta a bazi tan-Numru Progressiv tal-Iskrizzjoni 2737 tal-4 ta’ Settembru, 2006 u fejn proprju l-persuna li ghamel din id-Dikjarazzjoni ma kien hadd aktar mir-Rikorrenti / Attur li ghalih it-tarbija kienet il-bidu ta’ gharfien gdid ta’ sbuhija li huwa kien sar Missier, u proprju dan li l-Intimata / Konvenuta ghamlet minn kollox biex bl-aktar mod deciziv teqret imma li r-Rikorrenti anka kif qed tara din l-Onorabbli Qorti minn din il-Kawza u disa’ Dokumenti hawn mehmuza ghamel proprju wkoll minn kollox biex jara li d-dinjita’ tieghu ta’ Missier ma tibqax tigi mghaffga u imwarrba, abbuzata b’arroganza u krudelta’ minn naha tal-mara tieghu l-Intimata u b’hekk tigi salvagwardata kif ir-Rikorrenti ghandu fiducja f’din l-Onorabbli Qorti l-interessi supremi tal-ghaziza bintu M, N, Frances, A – ara l-anness Dokument A 5 hawn mehmuz fl-Elenku ta’ Dokumenti f’din il-kawza odjerna f’dan ir-Rikors Guramentat odjern ;

9. Illi nhar is-7 ta’ Jannar, 2008, permezz ta’ Ittra Numru 6/08 –EC fl-ismijiet ‘A B vs A C’ gew inizzjati l-Proceduri tal-Medjazzjoni mill-istess Rikorrenti billi ma setax jissaporti l-mod indinjituz li bih huwa kien qed jigi trattat mill-Intimata / Konvenuta specjalment fir-rigward tal-ghazla tal-ghaziza bintu minuri M, liema Proceduri ta’ Medjazzjoni sabu konfort fit-tmexxija ghaqlija tal-Medjatur Erika Cutugno permezz ta’ Digriet datat 8 ta’ Jannar,

2008, moghti minn din il-wisq Onorabbli Qorti ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, LL.D., liema Medjazzjoni giet mifruxa f'mhux anqas minn sitt (6) laqghat ghall-partijiet u cioe' fl-20 ta' Frar, fis-6 ta' Marzu, fit-2 u fis-17 ta' April, fit-13 ta' Mejju u fl-10 ta' Gunju, 2008 pero' kif iddikjarat l-abilissima u simpaticissima, elegantissima u eruditissima Erika Cutugno nhar l-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2008, il-partijiet kontendenti ma waslux ghal Ftehim u ghalhekk il-Medjazzjoni kellha tinghalaq, kif effettivament inghalqet, u din il-wisq Onorabbli Qorti, permezz tad-Digriet Numru : 1116/08 – JA ppresjedut mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, LL.D. ta l-awtorizzazzjoni li ghaliha saret referenza aktar kmieni fil-paragrafi precedenti, fil-Premessi, ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern : ara l-anness Dokument A 6 ;

10. Illi r-Rikorrenti jahdem 'full-time' mas-Socjeta' Kummercjali Bonnici Bros Contractors Limited u ma din is-Socjeta' Kummercjali r-Rikorrenti / Attur ta' Numru 32, Triq ir-Repubblika gewwa r-Rabat – Malta u cioe' r-residenza tar-Rikorrenti mal-genituri tieghu ghandu dan l-impjieg full-time li jithallas erbgha punt sitta u sittin Ewro fis-siegha u din il-wisq Onorabbli Qorti tista' tara mid-Dokument hawn mehmuz A 7 li r-Rikorrenti ma ghandux xi salarju barra minn hawn pero' li minn dan is-salarju ta' approssimament tliet mija u tlieta u sebghin Ewro kull hmistax – il-gurnata fejn xi kultant ikun hemm xi overtime u wara t-tnaqqis ta' taxxi u benefikati ohra r-Rikorrenti ghandu madwar mija u tmenin liri Maltin kull hmistax-il gurnata li din il-wisq Onorabbli Qorti tifhem li mill-ftit li jdahhal ir-Rikorrenti / Attur huwa lest li jikkontribwixxi bhala Missier il-Minuri w ghaldaqstant ir-Rikorrenti / Attur apparti milli qieghed jitlob milli jkollu l-kura u kustodja ta' bintu minuri fdata f'idejh peress illi huwa l-aktar genitur responsabbli u matur fic-cirkostanzi kif qeghdin jigu hawn imfissra fil-korp fl-intier tieghu kollu ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern, evidentament flimkien mal-Intimata / Konvenuta C A V huwa lest li jikkontribwixxi ghal Manteniment tal-ghaziza bintu kif obbligat mhux biss mill-Ligi u mill-kuxjenza morali tieghu imma anka mill-fatt li l-Minuri hija l-ghaziza bintu u l-imhabba tieghu ghal din il-bint ma fiha ebda limiti anka bis-sagrificcji kollha li s'issa dejjem ghamel ghaliha fil-

limitazzjonijiet finanzjarji, kulturali, socjali u edukattivi tal-istess Rikorrenti / Attur : ara d-Dokument mehmuz A 7 ;

11. Illi l-Intimata / Konvenuta tahdem ukoll full-time mal-Employment Training Corporation (E.T.C.) gewwa Hal-Far, tirrisjedi fid-Dar Konjugali li hija proprjeta' tal-familja taghha gewwa Had-Dingli u li minnha kecciet lir-Rikorrenti / Attur pero' baqghet izzomm abbuzivament u llegalment lill-bint Minuri minghajr ma thalli lir-Rikorrenti / Attur ghal zmien konsiderevoli jara lill-istess bintu, u peress li l-Intimata / Konvenuta tahdem full-time allura hija trid taghti l-kontribut ta' Manteniment taghha ghall-edukazzjoni u l-izvilupp fiziku, sahhet u l-izvilupp kulturali u edukattiv tal-isess bint ir-Rikorrenti / Attur M. Illi allura evidenti mhux ser ikun hemm fatturi f'din il-kawza ta' naha jew ohra mill-kontedenti konjugi A li jivversaw xi forma ta' retta alimentari ghal jew lejn xulxin, imma jkun hemm id-decizjoni tal-Qorti li tigwida li l-kura u kustodja tal-bint Minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-Missier ir-Rikorrenti / Attur, u li jkun hemm access adekwat ghall-Intimata / Konvenuta bl-istess kejl kif hi kienet thalli meta jidhrilha xieraq u opportun lir-Rikorrenti / Attur jara lil bintu u cioe' darbtejn fil-gimgha siegha kull nhar ta' Erbgha mill-hamsa sas-sitta u siegha kull nhar ta' Hadd mill-hdax sa nofsinhar, Xitwa u Sajf, ezatt kif hi kienet tesigi u tipretendi li r-Rikorrent / Attur jara lill-ghaziza bintu u dan biswit ir-residenza fejn joqghod jew ikun joqghod minn zmien ghal zmien l-istess Attur / Rikorrenti li fil-mument li qed tigi ntavolata din il-kawza hija fir-residenza tal-genituri tieghu f'Numru 32, fi Triq ir-Repubblika gewwa r-Rabat – Malta ;

12. Illi l-Intimata / Konvenuta C A kienet responsabbli diversi drabi biex taghmel atti ta' vjolenza fil-konfront, fid-direzzjoni u fuq il-persuna tal-istess Rikorrenti / Attur u cioe' fi Triq il-Gvernatur William Reid gewwa Had-Dingli fir-residenza bl-isem ta' 'San Antonio' kif anke per ezempju jidher mir-Rapport illi kien ghamel l-istess Rikorrenti nhar it-3 ta' Jannar, 2008 dwar diversi incidenti li sehhew bejn is-27 t'Ottubru, 2007 u t-3 ta' Jannar, 2008 u dan meta l-Intimata / Konvenuta kienet kecciet mid-Dar Konjugali lill-istess Rikorrenti u dan minghajr ebda raguni legalment fondata billi l-Intimata / Konvenuta kienet taf ben tajjeb li hija mara legalment mizzewga lir-Rikorrenti / Attur u allura naraw illi hemm kaz car a bazi ta' Artikolu 37

tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta partikolarment fejn hemm il-Vjolenza Domestika u f'dan il-kaz sahansitra r-Rikorrenti tkecca ghall-ebda raguni legalment u fattwalment valida mid-Dar Konjugali ghax hekk deherilha l-Intimata / Konvenuta fuq il-bazi li d-Dar Konjugali kienet il-proprjeta' tal-familja taghha u ghalhekk huwa kaz car fejn hawnhekk ghandna eccessi, mohrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-Intimata / Konvenuta kontra kemm ir-Rikorrenti / Attur kif ukoll kontra l-istess binthom M il-ghaliex hija krudelta' li deliberatament ma thallix kapriccozament lil xi hadd mill-ulied milli jara jew javvicina jew ikun accessibli ghall-genitur l-iehor u ghalhekk dan it-tip ta' hajja flimkien bejn il-kontendenti konjugi zgur ma kienetx baqghet posibbli fis-sens illi z-zwieg jirrizulta manifestament li tkisser irrimedjabilment pero' b'tortijiet unikament atribwibbli lill-istess Intimata / Konvenuta : ara l-anness Dokument A 8 ;

13. Illi in fatti ftit wara li gie intavolat dan ir-Rapport datat 3 ta' Jannar, 2008, kif jirrizulta manifestament minn dawn l-Atti Processwali, erbat ijiem wara nhar is-7 ta' Jannar, 2008, proprju tista tghid mar-radd tas-salib tas-sena kurrenti, ir-Rikorrenti / Attur inizzja dawn il-Proceduri l-ewwel tal-Medjazzjoni u issa qeghda tigi ntavolata l-Kawza ghall-hall taz-zwieg (Divorzju) u Talbiet konnessi fosthom dawk tal-kura u kustodja tal-bint Minuri, ghar-raguni li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment b'tortijiet unikament attribwibbli lill-istess Intimata / Konvenuta ;

14. Illi kif jirrizulta mid-dokument mehmuz mal-Elenku ta' Dokumenti fl-ahhar Taqsima ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern, ir-Rikorrenti pprezenta Dokument JD1 li flimkien mad-dokumenti A 1 sa A 9 totalment igibu l-ghaxar Dokumenti li r-Rikorrenti qed jehmez mar-Rikors Guramentat tieghu odjern u li bl-istess Gurament tar-Rikorrenti, ir-Rikorrenti jrid li jaghmilha enfatikament cara li r-Rikors Guramentat ghandu jikkomprendi, jinkludi u jinkorpora l-assjem totali li naturalment ifisser illi l-Ghaxar (10) Dokumenti illi qeghdin jigu mehmuza ghandhom jitqiesu bhala parti integralissima mir-Rikors Guramentat odjern u li proprju fid-Dokument JD1 naraw Dikjarazzjoni tal-istess Rikorrenti li tikkonsisti f'erba' faccati u li fiha fil-qosor il-grajja mnikkta taz-zwieg xejn felici tar-Rikorrenti mal-Intimata peress illi din tal-ahhar tidher li kellha biss

objettiv wiehed quddiem ghajnejha u cioe' li jkollha s-sodisfazzjon li twelled tarbija minghand ir-Rikorrenti u umbaghad lir-Rikorrenti tkeccih 'il barra minn hajjitha u anka minn darha, kif effettivament ghamlet, biex tkun tista twassal u tnaqqax u tghix il-hajja li trid : naturalment ir-Rikorrenti bniedem kwiet u mhux vendikattiv, mhux ser joqghod ma xi hadd li ghamlitha ovvja li ma rieditux f'hajjitha imma lanqas m'hu sejjer jipperikola u jipregudika, jimmina jew b'xi mod ifarrak l-interessi supremi tal-ghaziza bintu u ghalhekk hawnhekk qeghda issir referenza ghal dan id-Dokument JD 1, l-ghaxar wiehed li qed jigi mehmuz ma dan ir-Rikors Guramentat odjern, b'rizerva li jekk jidhirlu li jkun xieraq u opportun, ir-Rikorrenti jehmez aktar Dokumenti biex jiffurmaw parti mill-evidenza tieghu li m'ghandhom ihallu ebda dubju dwar il-verosimiljanza tal-kontenut fl-intier tieghu ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern ;

15. Ili qabel ghaldaqstant ma nghaddu ghat-Talbiet tar-Rikorrenti / Attur, huwa importanti li jigi skjerat li din il-Kawza setghet facilment tigi evitata u ma gietx evitata il-ghaliex l-Intimata / Konvenuta la kellha l-interessi supremi tal-bint minuri M, N, Frances, A quddiem ghajnejha, u la kellha l-weghda li ghamlet li fit-tajjeb u fil-hazin, fil-ferh u fin-niket, fiz-zminijiet ta' preokkupazzjoni u ohrajn anqas minnhom, ghall-Intimata / Konvenuta z-zwieg ma fisser xejn ghajr mezz biex hija tiprokura t-tarbija b'mod lecitu f'inkwadratura ta' zwieg u umbaghad taghmel fattiha u dana mhux bil-fomm jew bil-kitba qed jinghad imma bl-evalwazzjoni tal-imgieba u tal-agir xejn gentili u xejn kristjani, anzi pjuttost arroganti u krudili, irresponsabbli u immaturi da parti tal-Intimata / Konvenuta li ghandha tiehu l-piz tat-tifrik irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg u ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha straordinarji u ordinarji, gudizzjarji u extra gudizzjarji konnessi ma din il-Kawza u l-Atti kollha direttament u / jew indirettament marbuta ma din il-Kawza ;

16. Illi l-ghaxar (10) Dokumenti li qeghdin jigu mehmuza ma jhallu ebda dubju anka fil-koncizita' taghhom dwar it-tbaghtija kemm kien ilu jissaporti r-rikorrenti / Attur lill-Intimata / Konvenut; l-isforsi li saru fil-Proceduri tal-Medjazzjoni fejn l-Intimata / Konvenuta li kien ghaliha cahdet ghal kollox lir-Rikorrenti mid-drittijiet

tieghu ta’ Missier fil-mizerja ta’ Abbozz tal-Minuta li hija pprezentat fil-mori tal-Medjazzjoni f’dawk il-ftit pagni fejn deher bic-car li ghall-Intimata / Konvenuta, ir-Rikorrenti / Attur proprju ma kien ifisser xejn !

17. Illi b’dan kollu kif hawn fuq imfisser, ir-Rikorrenti sejjer issa jghaddi ghat-Talbiet tieghu f’din il-Kawza odjerna u fejn jirrizulta car minn dak kollu li qed jigi mahluf mir-Rikorrenti / Attur li l-istess Rikorrenti fic-cirkostanzi ma kellu ebda mezz iehor ghajr illi jinizja dawn il-Proceduri Kontenzjuzi li l-aktar li ghamilhom skond il-ligi kien biex ihares u jiprotegi, jghozz u jipreserva l-interessi supremi tal-ghaziza bintu M, N, Frances, A.

**<u>Talbiet tar-Rikorrenti / Attur</u>**

18. Talab prevja r-referenzi ghal Dokumenti hawn mehmuza li ghandhom jigu meqjusa bhala parti integrali minn dan ir-Rikors Guramentat odjern, prevja r-referenzi ghall-premessi kollha li saru fejn fissru fil-qosor ic-cirkostanzi li waslu lir-rikorrenti / Attur jintavola din il-kawza odjerna ghall-hall taz-zwieg (Divorzju) Personali minn ma martu l-Intimata / Konvenuta u partikolarment li jigi fdat f’idejh fl-interess supreme taghha l-Kura u Kustodja tal-ghaziza bintu M, N, Frances, A, li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tevalwa, tiddeciedi u tordna illi:

(a) li fl-ewwel lok din il-wisq Onorabbli Qorti takkorda li l-Esponenti / Rikorrenti jkun jista fl-interessi supremi taghha jirraprezenta l-interessi kollha ta’ bintu Minuri M, N, Frances, A fl-Atti kollha direttament u / jew indirettament konnessi ma din il-kawza u Atti relatati u dan peress li l-Intimata da parti taghha dejjem uriet u indikat irresponsabilita u immaturita kbira fir-rigward ta’ bintha biex tippreveniha taht skuza jew ohra, diversi drabi deliberatament mahluqa, fir-rigward tal-ghaziz missierha r-Rikorrenti / Attur odjern f’dan ir-Rikors Guramentat ;

(b) li fl-interessi supremi tal-istess bint Minuri, ir-Rikorrenti / Attur irid li din il-wisq Onorabbli Qorti tafda f’idejh il-kura u l-kustodja effettiva tal-ghaziza bintu M, N, Frances, A li fil-mument li qeghda tigi ntavolata din il-kawza qeghda xahar ‘il boghod milli jkollha sentejn u dan

skond ma jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid numru 2737 tal-4 ta' Settembru, 2006, skond id-Dokument mehmuz fl-Elenku ta' Dokumenti parti integrali minn dan ir-Rikors Guramentat odjern ;

(c) li b'referenza ghaz-zwieg imsemmi u indikat fl-Att taz-Zwieg numru 1485 tal-31 ta' Awissu, 2004, anka b'referenza ghad-Dokument mehmuz mal-Elenku ta' Dokumenti parti integrali mir-Rikors Guramentat odjern, dan iz-zwieg ghandu jigi meqjus bhala li tkisser irrimedjabilment u minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni minhabba tortijiet unikament atribwibli lill-Intimata / Konvenuta C A V li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita 0362583 (M) u li ghadha tirresjedi fid-Dar Konjugali proprjeta' tal-familja taghha u li minnha kecciet vjolentament lill-istess zewgha r-Rikorrenti / Attur odjern li tinsab sitwata fl-indirizz numru 53, 'San Antonio', Triq il-Gvernatur William Reid, gewwa Had-Dingli ;

(d) Li fl-eventwalita' li l-kura u kustodja effettiva tal-Minuri M, N, Francis, A tigi fdata fl-idejn abilissimi ta' missierha r-Rikorrent . Attur, l-Intimata / Konvenuta ommha ghandha tigi ordnata minn din il-wisq Onorabbli Qorti u a bazi tal-provi li jinstemghu li tivversa retta alimentari ghall-istess bintha considerando li hi ghandha impjieg b'salarju ferm superjuri ghal dak tar-Rikorrenti, impjieg ta' Skrivana mal-Employment and Training Corporation (E.T.C.) gewwa Hal-Far, liema retta alimentari ghandha tkun separata mill-kontribut tal-istess Intimata / Konvenuta ghall-ispejjez straordinarji, u dawk konnessi ma sahhet, l-edukazzjoni, u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess bint Minuri u dan dejjem fl-interessi supremi tal-istess Minuri ;

(e) Illi dan iz-zwieg bejn il-kontendenti konjugi A tkisser ukoll minhabba t-tendenzi vjolenti da parti tal-istess Intimata / Konvenuta, liema tendenzi vjolenti jidhru xi ftit anka mir-Rapport li kien sar ghand il-Pulizija u li kopja tieghu hija hawn mehmuza mad-Dokumenti elenkati f'dan ir-Rikors Guramentat odjern, tendenzi vjolenti li feggew fl-Intimata fil-konfront tal-Attur specjalment wara li miet missierha u minn fejn allura bdiet tittratta lir-Rikorrenti qisu dan ma kellu ebda drittijiet ta' xejn sakemm qabdet u minn jeddha ddecidiet li titfghu 'il barra mid-Dar konjugali gewwa Had-Dingli u fejn allura r-Rikorrenti / Attur rega'

mar joqghod mal-genituri tieghu fir-Rabat – Malta u din hija raguni ohra li t-tort taghha huwa esklussivament tal-Intimata / Konvenuta li din il-wisq Onorabbli Qorti qeghda tigi mitluba biex taghmel Dikjarazzjoni dwar dan ukoll ;

(f) Li l-Intimata / Konvenuta C A V hija responsabbli ghall-Firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-istess Intimata / Konvenuta kontra r-Rikorrenti / Attur, kif ukoll kontra l-uniku wild li kellhom, M, N, Francis, A li ghad trid taghlaq sentejn fis-sens illi l-Intimata / Konvenuta kienet deliberatament iccahhad lil din it-tarbija minn accessibilita' ghal missierha u huwa f'dawn il-parametri li f'din l-inkwadratura li r-Rikorrenti / Attur qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti anka a bazi ta' Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta biex tafdalu f'idejh il-kura u kustodja effettiva ta' bintu Minuri M u dan esklussivament fl-interessi supremi taghha ;

(g) Illi l-Intimata / Konvenuta ghandha ghal kull buon fini tigi atribwita li hija kienet il-kagun uniku ghaliex dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minkejja l-fatt illi qabel il-25 ta' Awissu tas-sena kurrenti ma jkunx ghadhom ghaddew l-erba' snin mid-data taz-zwieg a bazi tac-Certifikat taz-Zwieg hawn mehmuz fl-Elenku ta' Dokumenti parti ntegrali minn dan ir-Rikors Guramentat u dan ghal ragunijiet li jirrizultaw mid-Dokument fl-intier tieghu kollu ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern u provi ohra li jitressqu jekk ikun il-kaz fil-mori ta' din il-Kawza ;

(h) L-Intimata / Konvenuta kienet unikament responsabbli li minghajr raguni legalment assodata hija litteralment tefghet 'il barra mid-Dar Konjugali lill-istess Rikorrenti / Attur zewgha u dan minghajr bintu l-Minuri M, N, Francis, A, u ghalhekk f'dan is-sens l-Intimata / Konvenuta abbanundat lir-Rikorrenti / Attur fid-dawl tal-Artikolu 41, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan il-fatt ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni minn din il-wisq Onorabbli Qorti tis-sentenza taghha ;

(i) Illi b'referenza ghal Artikolu 46 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti / Attur qieghed jitlob jew li jigi formalment rienstit fid-Dar Konjugali fejn kien sakemm l-Intimata / Konvenuta minghajr ma kellha ebda awtorizzazzjoni tefghatu 'il barra minn din id-Dar gewwa Had-Dingli fuq il-bazi li hija proprjeta' tal-familja taghha

jew fin-nuqqas jekk il-Qorti jidhrilha mod iehor li l-Intimata / Konvenuta ghandha tikkumpensa finanzjarjament lir-Rikorrenti / Attur ta’ dan l-Oltragg konta z-zwieg u l-abbuz da parti ta’ C A V li ghax deherilha li hi superjuri fuq ir-Rikorrenti / Attur hadet bl-aktar mod inuman u krudili l-ligi b’idejha anka a detriment tal-interessi supremi tal-istess bint Minuri M, N, Francis, A ;

(j) Din il-Qorti ghandha tiffissa retta alimintari ghat-tifla Minuri proporzjonalment skond is-salarji li jircievu l-partijiet kontendenti konjugi billi hemm differenza sostanzjali bejn is-salarju tal-Intimata / Konvenuta u dak tar-Rikorrenti / Attur fis-sens illi dan tal-ahhar jaqla ferm u ferm anqas mix-xoghol tieghu fil-gebel mill-Intimata / Konvenuta li tahdem bhala Skrivana mal-Employment and Training Corporation gewwa Hal-Far u li din ir-retta alimentari ghall-minuri M ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-htigijiet tal-Minuri ghal dawk li huma spejjez straordinarji u spejjez li jirrigwardaw sahhet il-Minuri, kif ukoll spejjez ohra konnessi mal-edukazzjoni u kultura in generali tal-Minuri apparti minn attivatajiet u htigijiet ohra extra-kurrikulari : dan anka fid-dawl tad-direttivi tal-Artikolu 46A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

(k) Li l-kura u kustodja tal-Minuri ghandha tigi fdata f’idejn il-genitur li huwa l-aktar responsabbli u matur u cioe’ r-Rikorrenti B A u li l-Qorti tghaddi biex tiffissa jiem u hinijiet u okkazzjonijiet specjali tul is-sena fejn il-genituri tal-Minuri fl-interess suprem tal-istess Minuri jkunu jistghu iqattghu hin civilizzat u adekwat ma binthom billi l-problema ewlenija ghala l-Firda Legali Konsenswali ma sehhitx kienet l-eghbusija tar-ras tal-Intimata / Konvenuta li ma riedet bl-ebda mod tifhem li l-Minuri hija taz-zewg genituri u li l-interess suprem tal-Minuri kien jrrikjedi hin ta’ kwalita’ mar-Rikorrenti / Attur u lil dan ifisser dak kollu li huwa logikament u min ghandu mohhu f’postu maghruf fid-dinja civilizzata u cioe’ li kull wiehed mill-genituri jkun jista’ jiehu jew tiehu lill-Minuri fir-residenzi rispettivi taghhom u li anka minn zmien ghal zmien il-Minuri torqod fir-residenza ta’ kull wahda mill-genituri taghha u hin adekwat ghall-hrug ma kull wiehed mill-genituri apparti minn accessibilita’ lejn in-nanniet paterni jew materni u gharfien ta’ jien specjali fis-sena bhal Milied u l-Ewwel tas-Sena, eghluq zmien in-nanniet u l-genituri u l-istess tifla, u

okkazzjoni specjali bhal Jum l-Omm u Jum il-Missier li taht l-ebda cirkostanzi l-Intimata / Konvenuta ma riedet taf u din kienet ir-raguni ewlenija ghala r-Rikorrenti / Attur kien kostrett li jintavola primarjament din il-kawza apparti mill-ovvju li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti konjugi ma rnexxiex u tkisser irrimedjabilment imma b'tortijiet unikament atribwibbli lill-istess Intimata / Konvenuta ;

(l) Illi l-Intimata / Konvenuta C A V ghandha tiddekadi considerando illi hija unikament il-htija tal-Firda a bazi tal-Artikolu tmienja u erbghin (48) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan jekk ikun il-kaz anka mid-Dar Konjugali li fiha ghandhom jibqghu jirresjedu r-Rikorrenti / Attur u bintu M ad eskluzjoni tal-istess Intimata / Konvenuta u ghalhekk ghandu jkun applikat fil-konfront tal-intimata konvenuta l-effetti kollha legali u fattwali tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta ;

(m) Ghandhom ikunu applikati favur ir-Rikorrenti / Attur l-Artikolu 51 sa l-Artikolu 54 bid-diversi sub-artikoli u cioe' s-seba' (7) sub-artikoli tal-istess Artikolu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi dak kollu li jista' jibbenefika minnu r-Rikorrenti / Attur B A de proprio et nomine din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha takkordalu u taghtih mehud in konsiderazzjoni l-mod barabriku u xejn civili li r-Rikorrenti / Attur gie ttrattat mill-Intimata / Konvenuta martu kemm personalment kif ukoll tramite l-bint Minuri M kif bla dubju rrizulta manifestament mill-Atti Processwali ta' din il-Kawza odjerna ;

(n) Ghandha tigi xolta proporzjonalment skond kif tiddetermina l-Qorti l-Kommunjoni tal-Akkwisti u il-Kommunjoni l-ohra tal-amministrazzjoni separata jew li din il-wisq Onorabbli Qorti jirrizultalha a bazi ta' Artikolu 55 bid-diversi sub-artikoli tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mehud in konsiderazzjoni l-fatt mahluf mir-Rikorrenti / Attur illi llum huwa gie mkecci mid-Dar Konjugali gewwa Had-Dingli u ilu tista tghid mill-bidu ta' din is-sena jirresjedi mal-genituri tieghu fir-Rabat – Malta, li l-partijiet kontendenti konjugi qablu bejniethom dwar il-mobbli u mobilja u kull naha tidher li hadet li kellha tiehu salv ghall-ekwivalenti ta' sitt mitt lira Maltin u l-imghaxijiet fuqhom li l-Intimata / Konvenuta tirrikonoxxi ghandha tivversa lir-Rikorrenti / Attur zewgha u li ghaldaqstant ghandhom fic-cirkostanzi jigu evitati spejjez inutli fir-rigward tal-

Kommunjoni tal-Akkwisti salv illi r-Rikorrenti / Attur qieghed b'referenza ghal Talbiet kif hawn fuq suespost jitlob kumpens talli minghajr ma kellha dritt, l-Intimata / Konvenuta kecciet mid-Dar Konjugali lir-Rikorrenti / Attur zewgha u dan minghajr ma kienet awtorizzata li taghmel hekk minn xi Ordni ta' xi Awtorita' Kompetenti tali fattur jithalla fid-diskrezzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti a bazi tal-provi li tkun xtarret fil-mori ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern;

(o) Illi fir-rigward tad-Dar Matrimonjali a bazi ta' Artikolu 55A bit-tliet sub-artikoli tieghu tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ssirilha referenza ghat-Talbiet kif hawn suesposti u ghall-kontenut fl-intier tieghu kollu rigwardanti dan l-aspett li jirrizulta mill-Atti Processwali intieri ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern;

(p) Li ghandhom jigi applikati skond l-evalwazzjoni w id-diskrezzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti l-Artikoli 56 u 57 bid-diversi sub-artikoli taghhom tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan partikolarment dwar il-modalitajiet kif ser tigi ezercita il-kura u kustodja tal-Minuri M, l-access adekwat u dinjituz ghall-istess Minuri M, il-proporzjon a bazi tas-salarji li jircievu l-partijiet kontendenti konjugi tal-ispejjez u drittijiet hekk riferuti bhala straordinarji rigwardanti l-Minuri, u naturalment ir-retta alimentari li tirrigwarda lill-istess Minuri M, filwaqt illi jsir provediment ghal sitwazzjoni bhall-eventwali htiega ta' safar barra mill-Gzejjer Maltin tal-Minuri considerando li Malta apparti milli hija Membru Shih tal-unjoni Ewropeja tappartjeni ghat-Trattat ta' Schengen u allura hemm il-Liberta' tal-Moviment u r-Rikorrenti / Attur ma jixtieqx jippregudika l-interessi supremi ta' bintu f'dan ir-rigward anka ghall-htiega tal-istess bintu li bl-ebda mod ma tigi abbuzata kif gia sar da parti tal-Intimata / Konvenuta u tigi deprivata mill-istess Rikorrenti / Attur missierha : ghalhekk dan kollu qieghed jithalla fid-Diskrezzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti a bazi tal-Artikolu 56 u 57 tal-Kodici Civili;

(q) Illi jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi specjalment fl-interessi supremi tal-Minuri ghandha tapplika jekk ikun il-kaz l-Artikolu 58 biz-zewg sub-artikoli tieghu tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll jekk ikun il-kaz l-Artikolu 60 bit-tliet sub-artikoli tieghu tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u anka fic-cirkostanzi

dejjem fid-diskrezzjoni ta’ din l-wisq Onorabbli Qorti wara li tigwida jekk ikun il-kaz il-partijiet kontendenti konjugi A l-Artikolu 61 biz-zewg sub-artikoli tieghu tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(r) Ghandu jkun applikat l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta partikolarment considerando li hawn si tratta ta’ Separazzjoni Gudizzjarja, is-sub-artikolu 2 tal-istess Artikolu tnejn u sittin (62) peress illi r-Rikorrenti / Attur irid illi l-Intimata / Konvenuta tigi pprojbita milli tkompli tuza kunjomu A wara l-hall taz-zwieg (Divorzju) minhabba li l-uzu tal-kunjom tar-Rikorrenti A li m’huwiex kunjom daqshekk daqshekk komuni bl-uzu tieghu jista’ jkun ta’ pregudizzju gravi lill-istess Rikorrenti / Attur anka bhala missier ezemplari li ghamel din il-battalja legali l-ewwel u qabel kollox fl-interessi supremi tal-istess ghaziza bintu M, N, Frances, A, bint B;

(s) Li din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tordna l-implimentazzjoni tal-Artikolu 62A tal-Kodici Civili kif ukoll is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu erbgha u sittin (64) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll fl-eventwalita’ ta’ kull percezzjoni tas-sitwazzjoni l-implimentazzjoni tal-Artikolu 65 u 66 tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(t) Li ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha opportuni jekk ikun il-kaz sia jekk l-Intimata / Konvenuta tibqa’ kontumacja jew le, sia jekk l-Intimata / Konvenuta taghmel il-Kontro-talba jew Talbiet jew le, kemm fir-rigward tat-Talbiet kif hawn fuq suesposti, jew fuq kwalsiasi materja ohra li din il-Qorti tiddetermina li ghandha tigi sorvolata, il-Qorti ghandha tordna b’Direttivi, Digrieti, Provedimenti jew Struzzjonijiet li fid-diskrezzjoni taghha u bl-awtorita’ taghha din il-wisq Onorabbli Qorti tista’ tordna u dan biex il-kontendenti konjugi A ikunu jistghu jibqghu javvanzaw fil-hajja taghhom inkluz Direttivi li l-kontenut ta’ din is-Sentenza galadarba jilhaq l-istadju definittiv tieghu, jistghu ikunu applikati ghal kwalsiasi proceduri ulterjuri li xi hadd mill-partijiet kontendenti konjugi jista’ jiddetermina illi jaghmel jew taghmel bhal Talbiet ghal Annullament jew ghad-Divorzju considerando li Malta tappartjeni lill-Unjoni Ewropeja u ic-Cittadini taghha huma Membri Shah u Cittadini wkoll tal-istess Unjoni Ewropeja, u dan fl-interess tat-trasparenza tal-

gustizzja u anka partikolarment fl-interess suprem tal-Minuri M, N, Frances, A mehud in konsiderazzjoni li fil-mument li qeghda tigi ntavolata din il-kawza odjerna, dan ir-Rikors Guramentat il-Minuri ghadha biss xahar ‘il boghod milli taghlaq l-ewwel sentejn taghha fost il-bnedmin mill-hrug tal-gwarnica bijologika li qabel kienet tirresjedi fiha ghal madwar disa’ xhur;

(u) Li l-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, diretti u / jew indiretti, li jirrigwardaw dawn il-Proceduri Kontenzjuzi ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-Intimata / Konvenuta C A V li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita’ 0362583(M), li ghadha kif ghalqet hamsa w ghoxrin sena nhar is-17 ta’ Lulju, tas-sena kurrenti, u li bis-Sentenza ta’ din il-wisq Onorabbli Qorti malli ssir definittiva tkun maghrufa bil-kunjom V u mhux bil-kunjom aktar A, u din it-Talba peress li kienet l-Intimata / Konvenuta li kapriccozament ma riedetx tifhem li l-Minuri hija wild il-Missier u l-Omm f’livelli ugwali bejniethom, li r-Rikorrenti kellu kull dritt li jiehu lil bintu fir-residenza fejn ikun qed joqghod minn zmien ghal zmien u li din torqod ghandu u li jkun jista johrogha mieghu fejn irid ta’ missier responsabbli li hu, u fi zminijiet partikolari ta’ kull sena jkun hemm assikurazzjoni li l-bint Minuri tkun mieghu u li jekk it-tifla ser tkun tittiehed barra mill-Gzejjer Maltin u Ghawdxin hu ghandu d-dmir u l-obbligu w id-dritt u r-responsabilita’ li jkun jaf dwar dan u jaghti l-kunsens tieghu u jkun jaf fejn sejra tittiehed l-ghaziza bintu, u li hu ghandu jkollu sehem f’decizjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni tal-bint minuri, sahhet il-bint minuri, l-izvilupp kulturali u extra-kurrikulari tal-istess bint minuri u dan kollu l-Intimata / Konvenuta irrifjutat li taccettah kif jirrizulta mid-Dokumenti hawn mehmuza mal-Elenku ta’ Dokumenti billi l-Intimata / Konvenuta ppretendiet illi r-Rikorrenti jiffirma Kuntratt fejn jintrabat li hu jara lil bintu saghtejn fil-gimgha, siegha kull nhar ta’ Erbgha u siegha jew ftit sieghat kull nhar ta’ Hadd filghodu, biswit ir-residenza tad-Dar Konjugali gewwa Had-Dingli w ovvjament kien impossibbli ghar-Rikorrenti / Attur li jaccetta dawn il-kundizzjonijiet minn mara arroganti li riedet izzebilhu w iggib fix-xejn id-dinjita’ tieghu ta’ Missier u li a dirittura dak li kienet qeghda titlob l-Intimata / Konvenuta kien qed imur direttament

kontra dak li hu sagru fil-ligi u cioe’ l-interessi supremi tal-istess Minuri M, N, Frances, A;

19. Tant ghandu x’jissottometti r-Rikorrenti / Attur B A : ID number 0094980(M) li ghandu disgha w ghoxrin sena u dan kemm f’ismu proprju u kemm bhala Kuratur ad litem ta’ bintu Minuri M kif ripetutivament imfisser u enfasizzat u dan ghas-savju gudizzju ta’ din il-wisq Onorabbli Qorti Civili : Sezzjoni Familja li taghha huwa jibqa’ fedelissimu u jissuplika li d-diversi Talbiet li ghamel partikolarment fl-interessi supremi tal-ghaziza bintu Minuri jigi akkordati minn din il-wisq Onorabbli Qorti kontra l-Intimata / Konvenuta C A V u cioe’ omm il-Minuri u dana fl-interess tat-trasparenza tal-gustizzja biex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. ILLI preliminarjament, l-esponenti toggezzjona ghad-digitura bombastika u mzejna b'terminologija xejn legali kontenuta fir-rikors guramentatat intavolat da parti ta' zewgha u tali manifestazzjoni xejn rispettabbli ghandha tkun sancita minn din l-Onorabbli Qorti u sabiex ma tkomplix tkun repetuta waqt dawn il-proceduri;

2. ILLI fir-rigward tat-talba (a) u cioe' sabiex ir-rikorrenti zewgha ikun jista' jirraprezenta l-interessi kollha tal-minuri ta' sentejn, M, fl-Atti kollha direttament u/jew indirettament konnessi ma' dawn il-proceduri u Atti relatati, l-esponenti mhux biss ma taqbilx u toggezzjona bis-shih, izda tispjega li n-nuqqasijiet lilha ndirizzati minnu, fost l-ohrajn nuqqas ta' responsabbilita' u nuqqas ta' maturita', huma fil-verita' attribwibbli kollha lill-zewgha kif ser ikun ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. ILLI fir-rigward tat-talba (b), in parti talba (f), talba (k) u in parti talba (p), u cioe' sabiex ir-rikorrenti zewgha ikollu l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri ta' sentejn, M, l-esponenti ma taqbilx u toggezzjona bis-shih, u dan ghas-

semplici raguni li zewgha r-rikorrenti ghandu atteggjament kemm fil-konfront tal-esponenti, kemm fil-konfront ta' ommha u kemm fil-konfront ta' bintu minuri b'manifestazzjoni psikika mhux normali ghall-ahhar, atteggjament li mhux biss huwa rresponsabbli u xejn civili, izda di piu' vjolenti kif ukoll fizikament u sesswalment abbuziv, apparti il-fatt li huwa m'ghandhux il-kapacita' li jiehu hsieb tieghu nnifsu ahseb u ara lit-tifla minuri ta' sentejn, u ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ghanda tichad it-talba tar-rikorrent sabiex huwa jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri stante li huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja taghha tigi fdata f`idejn l-esponenti b'mod esklussiv, kif ser jigi ppruvat fit-trattazjoni tal-kawza, u r-rikorrent jigi moghti access ghall-bintu f`dawk il-granet u hinijiet li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

4. ILLI fir-rigward tat-talbiet (c), (e) in parti talba (f), (g) u in parti talba (k), l-esponenti taqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero` mhux ghar-ragunijiet indikati mir-rikorrenti izda ghaliex principalment iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lil rikorrent fosthom vjolenza psikologika u fizika, eccessi, servizzi, mohqrija, u abbuz sesswali kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li dwarhom l-esponenti qed jiddeduci talbiet opportuni f`kontrotalba hawn annessa, u dunque, l-ispejjez gudizzjarji kollha ghandu jbatihom ir-rikorrenti;

5. ILLI din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad talbiet (h) u (i) tar-rikorrent u l-esponenti tispjega illi mhux minnu li hija "*litteralment tefghet 'il barra mid-dar konjugali lill-istess rikorrenti*" zewgha, u dan kif ser ikun ppruvat fil-mori tal-kawza;

6. ILLI din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad talba (j) in kwantu tirrigwarda l-manteniment pagabbli mill-intimata ghat-tifla u dan ghar-raguni li tali talba hija bla bazi, u fil-fatt, kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza, hija appuntu l-esponenti li kienet u ghadha thallas l-ispejjez kollha tat-tifla; di piu' fl-eventwalita` illi din l-Onorabbli Qorti toghgobha takkorda lill-intimata u mhux lir-rikorrenti, il-

kura u kustodja tal-minuri, appuntu ghandu jkun ir-rikorrent li ghandu jigi ordnat ihallas lill-intimata manteniment ghall-istess minuri, u ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabbilixxi u tiffissa dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, b`dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex ir-rikorrent jaghmel tajjeb ghal gholi tal-hajja u ssir ordni ghall-hlas mis-salarju tal-mittent;

7. ILLI m`ghandhomx jigu applikati kontra l-intimata, la *in toto* u *anqas in parte* l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, stante li t-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti mhux attribwibbli lilha imma lir-rikorrenti zewgha ghar-ragunijiet precedetement indikati u ghalhekk talbiet (l) u (m) tar-rikorrent ghadhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

8. ILLI fir-rigward tat-talbiet (n) u (o) l-esponenti taqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet li ma tinvolviex immobbli stante li d-dar konjugali hija appuntu d-dar residenzjali ta' ommha, u tillikwida u tiddividi l-istess b`mod li jigu stabblilit porzjonijiet u assenjati lill-partijiet u, billi tigi stabbilita data li minn dak in-nhar ir-rikorrent jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u tordna wkoll id-divijzjoni u asenjazzjoni ta` gid iehor komuni ta` ben il-kontendenti, danakollu okkorrendo bl-opera ta` *perit nominand*;

9. ILLI fir-rigward in parti tat-talba (p) tar-rikorrenti dwar is-safar tat-tifla, l-esponenti temmen li fic-cirkostanzi prevalenti ghandhom ikunu applikati l-provvedimenti soliti fejn it-tifla minuri tkun tista' biss issiefer mill-gzejjer Maltin bil-kunsens bil-miktub u a priori taz-zewg genituri; l-esponenti temmen li hija ghandha jkollha fil-kustodja taghha l-passport tat-tifla;

10. Salv ecezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba ippresentata mill-konvenuta, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta` Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) (vide Dok A anness);

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, M fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Awissu, elfejn u sitta (2006);

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba servizzi, theddid eccessi, minacci, ingurji gravi, vjolenza fizika u psikologika, abbuz sesswali kommessi da parti tal-intimat zewgha fil-konfront ta' martu r-rikorrenti, b'rizultat li z-zwieg taghhom m'ghandhux possibbli aktar specjalment minhabba l-fatt li l-intimat isofri minn problema ta' abbuz ta' alkohol;

4. Illi di piu', zewgha mhux kapaci jagixxi b'mod responsabbli kemm fil-konfront tal-esponenti u kemm fil-konfront ta' binthom;

5. Illi kull tenattiv li sar mir-rikorrenti l-ewwel ghal rikonciljazzjoni u sussegwentament ghal separazzjoni konsenswali, falla minhabba l-intransigenza tal-intimat zewgha;

6. Illi m`hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti.

Talbet, in vista tal-premess, li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghanhiex :

(1) Tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg (Divorzju) bejn il-konjugi A ghar-ragunijiet pemessi unikament imputabbli lill-intimat;

(2) Tillikwida, tiffissa u tordna lill-intimat ihallas manteniment xieraq u adegwat skond l-introjtu finanzjarju tal-intimat, u dan ghar-rikorrenti biex tkun tista` timmantni lill-minuri taghhom, M, pagabbli lir-rikorrenti kull xahar, kull xahar bil-quddiem;

(3) Tiddikjara li l-intimat m`ghandux dritt ghall-manteniment minghand ir-rikorrenti stante li hu kapaci jahdem, qieghed jahdem u ghalhekk huwa finanzjarjament indipendenti;

(4) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri M, esklussivament f`idejn ir-rikorrenti, b'access adeqwat ghall-minuri mill-intimat;

(5) Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

(6) Tillikwida l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti li ghandha tinqasam f'zewg partijijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li jekk ikun il-kaz, l-intimat jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti illi qabel u waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bi hlas u hidma tar-rikorrenti;

(7) Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-Artikoli 48, et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) Taghti kull provvediment iehor skond ic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-intimata ma ndikatx ghar-ragunijiet ovvji, intenzjonati u deliberanti l-okkju tar-Rikors Guramentat kif intavolat mir-rikorrenti

zewgha u allura r-Risposta Guramentata tal-intimata hija ovvjament nulla u invalida billi mhux il-prerogattiva la bhala stat ta' fatt u lanqas legalment ghall-intimata li tiddetermina hi l-okkju ta' din il-kawza galadarba ma kienetx hi li pprezentata, kif kellha kull dritt u f'kull cirkostanzi taghmel, imma galadarba ghazlet li tibni fuq dak li bena zewgha, u allura trid toqghod fuq l-istruttura legali li bena zewgha. Illi ghal dawn ir-ragunijiet ir-Risposta Guramentata tal-Intimata ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Settembru, 2008, hija nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli, u ghandha tigi skartata minn din il-wisq Onorabbli Qorti;

2. Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel Eccezzjoni gia moghtija l-Eccipjent Rikorrenti jaqbel mal-ewwel zewg Premessi tal-Intimata li f'kull kaz diga' kien qalhom huwa, imma naturalment jirrespingi bil-qawwa t-tielet, ir-raba', il-hames, u s-sitt Premessi tal-Intimata u jissottometti l-irrilevanza tas-seba' Premessa considerando li l-Intimata (li m'hijiex ir-Rikorrenti f'kull kaz) ghogobha tissottometti considerando li dak li tahseb hi mhux relevanti ghall-fatti tal-kawza, imma l-fatti proprja kif sehhew!

3. Illi l-Eccipjenti Rikorrenti jigbed l-attenzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti ghat-tielet Premessa u ghar-raba' Premessa tal-intimata fir-Risposta Guramentata taghha tal-15 ta' Settembru, 2008, naturalment ghall-Intimata bl-impagnar mhux enumerat kif dicentement rikjest, ghall-kliem ingurjuz u malafamanti li wzat l-Intimata fil-konfront tar-Rikorrenti zewgha, u fejn l-Eccipjenti Rikorrenti qed jaghmilha cara li huwa sejjer jiehu proceduri kemm Civili kif ukoll Kriminali ghall-malafama u ingurji gravi li wettqet l-intimata f'dan ir-rigward fil-konfront tar-Rikorrenti f'ismu proprju u ghan-nom, in rapprezentanza u fl-interess suprem tal-Minuri bintu ta' sentejn li deliberatament u bl-intenzjoni malinji l-Intimata dejjem cahhdet jew ippruvat iccahhad lill-Minuri mill-ghaziz missierha r-Rikorrenti proprju sal-lum anka li fih qed tigi mahlufa din ir-Replika Guramentata odjerna;

4. Illi f'dawn ic-cirkostanzi, u jerga' jigi ripetut strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel Eccezzjoni gia sollevata aktar 'il fuq, it-Talbiet kollha tal-Intimata

ghandhom jigu michuda u t-Talbiet tar-Rikorrenti ghandhom kollha jigu milqugha u partikolarment : -

(i) Fir-rigward tal-ewwel Kontro-Talba tal-Eccipjenti Rikonvenzjonanti C A : ID number 362583(M) din ghandha tigi respinta minhabba li r-ragunijiet ghala dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment huwa imputabbli kollha ghall-Intimata kif gia rrizulta u kif jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza. Illi l-istess Intimata qeghda tikkonferma dan il-fatt mill-uzu tal-kliem utilizzat fl-ewwel Kontro-Talba taghha stess!

(ii) Illi t-tieni Kontro-Talba tal-Eccipjenti Rikonvenzjonanti ukoll ghandha tigi michuda fl-ewwel lok il-ghaliex is-salarju tal-Intimata / Konvenuta huwa ferm oghla bhala Skrivana mal-Employment and Training Corporation ta' Hal-Far ma dak tar-Rikorreenti li ghandu xohgol iebes bhala Sewwieq tat-Trakkijiet bil-Gebel ma Ditta Privata, u allura m'hemmx kwistjoni li r-Rikorrenti jkollu jivversa xi retta alimentari lill-Intimata personalment u lanqas in rapprezentanza tal-bint minuri M minhabba l-fatt illi r-Rikorrenti qieghed jinsisti ma din il-Wisq Onorabbli Qorti li fid-dawl tal-imgieba krudili u mostruza tal-Intimata lejn il-bint minuri fir-rigward tar-Rikorrenti, l-Intimata m'ghandhiex ikollha l-Kura u Kustodja tal-bint minuri liema Kura u Kustodja ghandhom jigu fdati f'idejn ir-Rikorrenti anka considerando li l-kontendenti konjugi A it-tnejn jahdmu full-time, bid-differenza li r-Rikorrenti jibda minn filghodu kmieni sa kmieni wara nofsinhar filwaqt li l-Intimata ghandha jum shih bhala Skrivana u kwindi l-Intimata ghandha hin adekwat ghaliha nnifisha u salarju gholi bizzejjed biex fil-hinijiet li jkollha access ghall-bint minuri tiehu hsieb il-bint minuri li waqt illi fil-hinijiet u naturalment jiem inkluz l-iljieli u l-irqad fir-residenza tar-Rikorrenti dawn jaghmel tajjeb ghalihom ir-Rikorrenti missier il-minuri u il-Qorti ghandha tapporzjona d-differenza li l-Intimata ghandha tivversa lil zewgha r-Rikorrenti ghal jiem u hin addizzjonali li l-bint minuri ser tkun ma missierha mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-Intimata hija ovvjament mhix kompetenti li tkun omm u li jkollha l-kura u kustodja tal-bint minuri ghax ma ghandhiex lanqas l-icken ideja illi l-ulied li ngibu fid-dinja ghandhom htiega kemm tal-omm kif ukoll tal-missier waqt illi kif qed taqra l-Qorti stess b'ghajnejha, u bla dubju ta' xejn il-Qorti

qed taqra wkoll l-implikazzjonijiet bejn il-linji ta’ dak li qeghda ttenni l-Intimata (li fil-Kontro-Talbiet taghha tidher illi qed taghmel konfuzjoni shiha bejn il-kelma Rikorrenti u Intimata kif ukoll bla dubju ta’ xejn din il-wisq Onorabbli Qorti ntebhet), imma m’hemm ebda dubju li l-Intimata m’hijiex fizjologikament u lanqas psikjatrikament li trabbi u tiehu hsieb lill-Minuri u dan ghar-ragunijiet li diga’ rrizultaw u li jibqghu jirrizultaw fil-mori ta’ din il-kawza, anka il-mod redikolu kif l-Intimata per ezempju tikteb fit-tieni Kontro-Talba taghha ‘pagabbli lir-Rikorrenti kull xahar, kull xahar bil-quddiem’ li juri anka l-attegjament arroganti tal-Intimata anka fil-konfront ta’ kif din tistma’ lill-Qorti (aspett li minghajr ebda dubju din il-wisq Onorabbli Qorti ntebhet bih) : kwindi t-tieni Kontro-Talba tal-Intimata ghanda wkoll tigi michuda;

(iii) Illi t-tielet Kontro-Talba tal-Intimata ghandha wkoll tigi michuda billi l-Intimata tahdem full-time u ghandha salarju ferm aktar oghola minn tar-Rikorrenti / Attur u ghalhekk l-Intimata / Konvenuta ghandha proporzjonalment tikkumpensa lir-Rikorrenti zewgha mhux biss b’manteniment proporzjonali imma anka ghad-danni kollha li gieghlitu jsofri, qed isofri u ghad jista’ jsofri, inkluz l-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji ta’ dawn il-proceduri legali, u ohrajn direttament u / jew indirettament konnessi maghhom, bhal kawzi fil-Kriminal li hemm pendenti u li ser ikun hemm pendenti ghall-malafama u ingurji gravi, fejn ukoll din il-wisq Onorabbli Qorit tinnota l-impenn arroganti tal-Intimata kif hija tikteb it-Talbiet taghha u il-konkluzjonijiet xejn lucidi u koerenti li taghmel fl-istess Talbiet taghha bhal per ezempju din it-tielet Kontro-Talba taghha li wkoll ghandha tigi michuda u respinta;

(iv) Illi r-raba’ Kontro-Talba decizament ghandha tigi michuda ghal ragunijiet diga’ moghtija billi l-Intimata / Konvenuta m’hijiex konpetenti li jkollha l-Kura u Kustodja ta’ bintha u bint ir-Rikorrenti missierha f’idejha, u dan fl-ewwel lok il-ghaliex il-parti l-kbira tal-hin il-minuri tkun qeghda man-nanna materna taghha li ghandha storja bir-rispett kollu ta’ dghjufija mentali u qattghet xi zmien fl-isptar Monte Carmeli apparti mill-agir u l-imgieba xejn dinjituza kif hija kienet tiddeporta lilha nfisha din Carmen V quddiem ir-ragel ta’ bintha fejn kienet tohrog imnezza’

minn kollox ghajr il-bicciet vitali li jghattu l-partijiet potenzjalment seducibbli kif spjega r-Rikorrenti / Attur fl-Affidavit tieghu personali li jinsab inserit fl-Atti Gudizzjarji ta’ din il-kawza u fejn allura l-Intimata / Konvenuta ghandu jkollha access taht supervizjoni ghall-bint minuri minhabba l-velenu psikologiku li hija gia sqiet lil bintha bih kontra l-ghaziz missierha r-Rikorrenti u ghalhekk fl-interess suprem tal-Minuri li ghad ghandha sentejn, din ghandha tigi fdata fil-kura u kustodja bir-residenza b’kollox ma missierha li tant ihobbha u li kieku ma kienetx ghal M, ir-Rikorrenti lanqas biss kien jindenja joqghod jidhol f’dawn il-proceduri legali, bl-istrapazz li fihom, inkluz telf mix-xoghol u spejjez u nkwiet ta’ natura fizika u psikologika ohra, imma ghal bintu, u fl-interess suprem tal-ghaziza bintu, ir-Rikorrenti dahal ghal dan kollu, u allura cerament ir-raba’ Kontro-Talba tal-Intimata ghandha wkoll tigi michuda;

(v) Illi hemm qbil dwar il-hames Kontro-Talba tal-Intimata / Konvenuta bhala Eccipjenti Rikonvenzjonanti, fis-sens illi peress illi d-Dar Konjugali bl-isem ta’ ‘San Antonio’ f’Numru 53, Triq il-Gvernatur William Reid, gewwa Had-Dingli kienet proprjeta’ tal-genituri tal-Intimata / Konvenuta, allura dak kollu li nxtara tul iz-zwieg jew fil-perjodu fejn il-partijeit kontendenti konjugi A ghamlu jikkoabitaw flimkien fis-sens illi l-perjodu tan-namur dam erba’ snin, li minnhom tnejn u cioe’ sentejn il-partijiet ikkoabitaw flimkien fir-residenza tal-genituri u sussegwentament inghaqdu fiz-zwieg u ghaldaqstant irid jittiehed in konsiderazzjoni wkoll l-affarijiet li gew akkwistati fis-sentejn li ghamlu jikkoabitaw flimkien imma li nxtraw bil-flus tar-Rikorrenti / Attur, fosthom il-vettura RX 7 tal-marka Mazda, ta’ kulur abjad, Sports, imma jghidulha RX7, li l-attur kien ikkontribwixxa biex din tinxtara b’diversi eluf ta’ Liri Maltin li jkopru barra flus kontanti biex il-karozza setghet inxtrat fuq isem ir-Rikorrenti, ukoll l-ispejjez konnessi mal-manutenzjoni taghha, apparti minn mobbli u mobilja li jinsabu fid-Dar Konjugali u li bbenefikat u qeghda tibbenefika minnhom biss l-Intimata / Konvenuta u ghaldaqstant considerando li t-tort tat-tifrik ta’ dan iz-zwieg huwa unikament attribwibbli lill-Intimata / Konvenuta, ir-Rikorrenti qieghed jesigi li l-Kommunjoni tal-Akkwisti tigi likwidata u li l-beneficcjarju ewlieni taghha

ghandu ikun hu inkluz l-ammont li hallas fuq il-vettura li b'sens ta' rieda tajba da parti tieghu waqt li kien qed ihejji ghal dawn il-proceduri, qabel li jitrasferixxi l-vettura f'isem l-Intimata/Konvenuta li minn dak iz-zmien diga' bieghetha lil ragel aktarx bl-isem ta' Shaun li ghadu zghir fl-eta' u li allura l-vettura tqieghdet ghal skopijiet ta' assikurazzjoni fuq persuna ta' aktar minn hamsa u ghoxrin sena fl-eta' li f'dan il-kaz hija omm dan aktarx Shaun;

(vi) Illi fir-rigward tas-sitt Kontro-Talba tal-Intimata / Konvenuta, ir-Rikorrenti B A ma jaqbilx ma din it-talba fis-sens illi mhux gust li l-Kommunjoni tal-Akkwisti ghandha tinqasam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali, fis-sens illi r-Rikorrenti ghandu jiehu kollox hu u jinghata xi kumpens minimu lill-Intimata peress li kienet l-Intimata li bl-aktar mod krudil kissret dan iz-zwieg ghall-iskopijiet ta' mohha u kienet unikament responsabbli ghat-tifrik irrimedjabbli minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni tal-istess zwieg bejn il-kontendenti konjugi A. Illi r-Rikorrenti B A li ghad ghandu tmienja u ghoxrin sena, joggezzjona bil-qawwa ir-referenza u l-implikazzjoni li huwa ghandu 'jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti li qabel u waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bi hlas u hidma tar-rikorrenti', fis-sens illi fl-ewwel lok ir-Rikorrenti huwa stess ossija B A (imma hawn l-Intimata forsi tigi skuzata talli ma tafx in-nomenklatura korretta fil-Ligi!) u fit-tieni lok hija proprja l-Intimata / Konvenuta li ghandha tigi mnezza' minn kull jedd immaginabbli minhabba l-mod irresponsabbli, immatur u barbariku kif hija hadmet lir-Rikorrenti biex ghall-iskopijiet taghha dana jtaqqalha umbaghad ghamlet minn kollox biex fil-mument opportun tkeccieh bl-aktar mod xejn etiku mid-Dar Konjugali u fejn baghtitu lura fir-residenza tal-ġenituri tieghu gewwa Triq ir-Repubblika, Rabat – Malta;

(vii) Illi s-seba' Kontro-Talba tal-Intimata / Konvenuta ghandha tkun applikata kontra l-istess Intimata / Konvenuta billi l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi espressament ghall-Adulterju u ghall-abbandun mid-Dar Konjugali waqt li dawn hija hatja taghhom l-istess Intimata / Konvenuta mart ir-Rikorrenti B A u dan skond kif gia rrizulta fl-interezza tar-Rikors Guramentat tal-istess Rikorrenti u t-Talbiet hemm kontenuti minn fejn jirrizulta car li l-Artikolu 48 et sequitur

tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ebda mod ma huwa applikabbli ghar-Rikorrenti / Attur B A imma huwa applikabbli fl-interezza tieghu kollu fil-konfront ta' C A V mart ir-Rikorrenti u ghalhekk anka din is-seba' Kontro-Talba ghandha tigi michuda u respinta pero' fil-parametri kif ghadhom kif gew imfissra;

(viii) Illi fir-rigward tat-tmien Kontro-Talba, din ir-Rikorrenti jaqbel li ghandha tintlaqa' fis-sens illi din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provedimenti, direttivi, decizjonijiet, digrieti, u eventwalment Sentenza li jkunu favorevoli ghat-Talbiet tar-Rikorrenti / Attur, u li jichdu bil-qawwa u bl-aktar mod rigoruz l-Eccezzjonijiet u t-tmien Kontro-Talbiet tal-Intimata / Konvenuta u dana ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija;

5. Illi naturalment l-ispejjez kollha gudizzjarja u / jew extra gudizzjarji konnessi ma dawn il-proceduri, kif ukoll kwalsiasi proceduri legali konnessi indirettament ma dwn il-proceduri ghandhom jigu sopporati pjenament mill-Intimata / Konvenuta Dalmar V C : ID number 0362583(M) li minn issa qeghda ukoll tigi ngunta f'din il-fazi ta' dawn il-proceduri IN SUBIZZJONI;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjat;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat il-verbal taghha tal-14 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu il-partijiet ftehmu dwar il-kura u l-kustodja u l-access ghall-minuri dwar il-manteniment izda mhux dwar l-allegazzjoni tal-attur illi l-konvenuta fadlilha taghtih is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM600), ekwivalenti ghal elf tlett mija sebgha u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62);

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghall-hall taz-zwieg ossia divorzju bejn il-partijiet.

Il-Qorti tinnota li wara li gew migbura l-provi b'mod ampju, tant li l-volum tal-atti huwa ferm voluminuz, permezz tal-verbal tal-14 ta' Mejju 2012, il-partijiet iddikjaraw u qablu fuq is-segwenti:

1. Illi r-rikorrent ikollu access ghal bintu l-minuri kull nhar ta' Erbgha mill-4.00pm sas-7.30pm u alternattivament kull nhar ta' Sibt mit-3.00pm sas-7.30pm u / jew il-Hadd mill-10.30am sas-7.30pm, b'dan illi l-konvenuta twassalha ghall-access u r-rikorrent jirritornaha ghand l-intimata;
2. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun kongunta bejn il-partijiet;
3. Illi r-rikorrent ihallas lill-intimata bhala manteniment ghall-bintu l-minuri s-somma ta' mija u erbghin ewro (€140) kull erba' gimghat, li jizdied skond l-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri;

Illi permezz tal-istess verbal imsemmi, l-partijiet qablu wkoll li l-unika pendenza bejn il-partijiet hija dik li, skond ir-rikorrent, huwa ghandu jinghata s-somma ta' elf, tliet mija u sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1397.62) ekwivalenti ghal sitt mitt Lira Maltin (Lm600).

Illi ghalhekk, stante l-qbil fuq il-pendenzi hawn fuq imsemmija, il-Qorti ser tikkoncentra fuq din l-unika pendenza ta' bejn il-partijiet. Il-Qorti tirrileva li l-istess partijiet inghataw l-opportunita' li jressqu nota ta' sottomissjonijiet dwar dan l-allegat kreditu u fil-fatt, il-partijiet ottemporaw ruhhom ma' dan.

Ir-rikorrent jghid li din il-pretensjoni tirrisali lura ghall-proceduri ta' medjazzjoni u jibbaza l-argument tieghu kollu fuq risposta li l-intimata martu stess intavolat nhar is-7 ta' Ottubru 2010 (a fol 835 tal-process) *stante* li l-istess intimata tiddikjara li huwa minnu li r-rikorrent ghandu jinghata din is-somma. Fil-fatt, it-tielet paragrafu tal-imsemmija risposta jghid hekk:

"***...in kwantu jirrigwardja is-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600) ekwivalenti ghal elf tliet mija sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin Ewro centezmu (€1397.62) illi ghalihom qieghed jaghmel referenza l-attur, l-esponenti tispjega li din tirrapprezenta bilanc dovut lill-attur liema somma l-esponenti hija ben disposta li thallas***";

Min-naha taghha l-intimata topponi ghal dan l-allegat kreditu u tghid li ma tafx x'tirrapprezenta tali somma allegatament dovuta lir-rikorrent. Fin-nota responsiva taghha tghid ukoll li jista' jkun li tali somma setghet kienet tifforma parti minn xi ftehim li kien qieghed jigi diskuss bejn il-partijiet sabiex jippruvaw jaslu ghal ftehim amikevoli, izda sar biss minghajr pregudizzju u bl-ebda mod sabiex issir ammissjoni. Il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva li l-argument tal-intimata li s-somma hekk dikjarata li hija dovuta minnha stess fir-risposta taghha datata s-7 ta' Ottubru 2010 hija minghajr pregudizzju  u ma tammontax ghal ammissjoni ma jregix u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ir-risposta in kwistjoni giet intavolata fl-atti tal-kawza odjerna bhala risposta ghar-rikors li kien gie intavolat mir-rikorrent nhar l-20 ta' Settembru 2010;

2. Il-fatt li tali dokument huwa fil-fatt risposta li giet intavolata fl-atti u mhux xi forma ta' korrispondenza ta' minghajr pregudizzju li ghaddiet bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet sabiex jippruvaw iwasslu lill-klijenti taghhjom ghal ftehim bonarju juri li fil-fatt, tali risposta qatt ma setghet kienet intenzjonata li tkun risposta ta' minghajr pregudizzju bejn il-partijiet;

3. Illi gialadarba tali risposta hija formanti parti mill-atti, l-Qorti hija obbligata li tiehu konjizzjoni taghha;

Jifdal allura lill-Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi dwar jekk tali dikjarazzjoni msemmija fir-risposta tal-intimata

tammontax ghal ammissjoni jew le. Kif diga’ gie rilevat, il-Qorti thoss li din ir-risposta qatt ma setghet giet intavolata abbazi tal-principju ta’ minghajr pregudizzju. Jigi rilevat ukoll li mid-dicitura tal-istess risposta, ftit li xejn hemm lok ghal interpretazzjoni ghaliex l-intimata (minghajr ma tikxef ir-raguni u x’tirrapprezenta tali somma ta’ Lm600) taghti *“ad intendere”* lill-Qorti li hija taf tajjeb fuq x’hiex qieghed jitkellem ir-rikorrent zewgha. Fil-fatt, hija fl-ebda mument ma tghid li m’ghandhiex hjiel ta’ x’jirrapprezentaw tali flus, anzi totalment ghall-kuntrarju u tant hu hekk, li tiddikjara li hija ben disposta li thallas tali ammont. Il-Qorti thoss li tali dikjarazzjoni tammonta ghal ammissjoni da parti tal-intimata fis-sens li dan l-ammont huwa ammess li huwa dovut lir-rikorrent.

L-intimata targumenta wkoll li f’kaz li il-Qorti thoss li tali allegazzjoni hija fondata, allura ghandha tiehu wkoll konjizzjoni tal-oggetti msemmija fil-lista tal-istess nota ta’ sottomissjonijiet u li permezz taghhom turi li l-kreditu allegat gie pacut b’oggetti ohra u konsegwentement mhux dovut. Il-Qorti tirrileva li fir-risposta taghha l-intimata ma taghmel ebda referenza ghal tali oggetti msemmija fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha u ghalhekk, ma hemm ebda indikazzjoni li tali ammont ta’ Lm600 huwa b’xi mod konness jew kondizzjonat ma’ dawn l-oggetti msemmija. Pero’, il-Qorti tirrileva li anke li kieku dan kien il-kaz, it-tezi tal-intimata xorta wahda ma setghetx tregi u dan ghaliex ammissjoni ma tistax tkun kondizzjonata. F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza **Stephen Azzopardi u Kenneth Joseph Azzopardi vs E & G Limited, Charles sive Carmel Mangion u Carmen Mangion** fejn gie dikjarat li “...***ammissjoni ma tistax tkun soggetta ghal kondizzjoni. Gialadarba l-konvenuti ammettew it-talba kif maghmula fir-rikors guramentat, ma jistghux fl-istess nifs iressqu argumenti biex jiddefendu ruhhom kontra t-talba tal-atturi***”. Il-Qorti hija ben konxja li permezz tar-risposta taghha l-intimata ma ammettietx il-pretensjonijiet tat-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur kif jidher li sehh fil-kawza hawn fuq citata, pero’ l-istess argument huwa applikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghaliex permezz tar-risposta taghha, l-intimata tat il-verzjoni taghha tal-fatti ghal dak li kien qieghed iressaq quddiem il-

Qorti r-rikorrent permezz tar-rikors tieghu datat l-20 ta' Settembru 2010 u filwaqt li tat tali verzjoni, ammettiet bl-aktar mod esplicitu li tali ammont huwa dovut lir-rikorrent. Huwa pjuttost inutili li f'dan l-istadju qed tipprova targumenta li tali ammont (li kieku jirrizulta li huwa dovut) gie pacut b'oggetti ohra ghaliex gialadarba hija ammettiet li dan il-kreditu huwa dovut u fuq kollox iddikjarat li hija ben disposta li thallas tali somma, allura ma tistax issa f'dan l-istadju hekk avvanzat tikkontendi li l-ammont mhux dovut.

Il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva (u dan anke ghal ragunijiet ta' kompletezza ) li r-referenza ghall-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrent ghat-theddid fil-konfront tal-intimata m'ghandu ebda rilevanza dwar din il-pendenza u dwar jekk fattwalment tali ammont hux dovut jew le. Dwar il-proceduri kriminali, ir-rikorrent ghadda mill-gudizzju quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni diversa u gie gudikat. Certament il-Qorti mhix ser tidhol fi kwistjonijiet ta' natura kriminali u ghalhekk thoss li tali referenza hija totalment superfluwa f'dan l-istadju.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, filwaqt li tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent u l-kontro-talba tal-intimati billi taghmel bhala taghha l-ftehim milhuq bejn il-partijiet hekk kif imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat u konsegwentement:

1. Tiddikjara u tordna l-hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
3. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
4. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri M A tkun kongunta bejn il-partijiet;
5. Tordna li r-rikorrent ikollu access ghal bintu l-minuri kull nhar ta' Erbgha mill-4.00pm sas-7.30pm u alternattivament kull nhar ta' Sibt mit-3.00pm sas-7.30pm u / jew il-Hadd mill-10.30am sas-7.30pm, b'dan illi

konvenuta twassalha ghall-access u r-rikorrent jirritornaha ghand l-intimata;

6. Tordna lir-rikorrent ihallas lill-intimata bhala manteniment ghall-bintu l-minuri s-somma ta’ €140 kull erba’ gimghat li tizdied skond l-gholi tal-hajja oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri;

7. Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta’ elf tliet mija sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin Ewro centezmu (€1397.62) ekwivalenti ghal sitt mitt Lira Maltin (Lm600) fi zmien xahar mid-data ta’ din is-sentenza;

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rimanenti l-ohra hekk kif dedotti fir-rikors guramentat kif ukoll fil-kontro-talba u li m’humiex kolpiti bid-decizjoni hawn moghtija *stante* t-transazzjoni msemmija aktar ‘il fuq.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------